MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 437/2004

**Mario Fenech**

**Vs**

**Francesco Cutajar u Angelus Farrugia u b'digriet tad-29 t'April, 2004 gie kjamat fil-kawza Antoine Agius u l-isem tal-konvenuta jinbidel ghal "Francesca"**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' elf erba' mija u tnejn u tmenin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm1,482.88c) u dan billi fis-17 t'Awissu, 2003 il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ZIT 010 kienet ipparkjata fi

Triq il-Ghajn, Dingli meta ntlaqtet minn xarabank bin-numru ta' registrazzjoni FBY 680. Ghal dan l-incident kien responsabbli Angelus Farrugia. Inti Francesca Cutajar responsabbli bhala sid il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBY 680 talli hallejt lil Angelus Farrugia jsuq il-vettura meta ma kienx inxurjat ghall-finijiet u effetti tal-ligi.

Illi ghalhekk l-attur talab li l-konvenuti jigu ddikjarati in solidum responsabbli ghad-danni sofferti minnu.

Ra r-Risposta ta' Francesca Cutajar li biha wiegbet li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-esponenti qatt ma tat l-ebda permess lil Angelus Farrugia biex isuq ix-xarabank taghha. Hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz, il-konvenuta awtorizzat biss lil Antoine Agius biex isuq il-vettura msemmija u kien proprju dan li, ad insaputa taghha, halla lil Angelus Farrugia jsuq ix-xarabank in kwistjoni.

Ra d-digriet tad-29 t'April, 2004 li bih gie kjamat in kawza l-istess Antoine Agius, liema Antoine Agius debitament notifikat baqa' ma pprezentax Risposta.

Sema' x-xhieda ta' PS 125 Malcolm Mifsud, Mario Fenech, Daniel Fenech, Brian Farrugia, Francesca Cutajar, Antoine Agius u ta' Maria Pisani.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-vettura ta' l-attur intlaqtet fis-17 t'Awissu, 2003 fl-10.00 ta' filghaxija mix-xarabank bin-numru ta' registrazzjoni FBY 680. Il-vettura ta' l-attur kienet ipparkjata. Dakinhar kien hemm il-festa Had Dingli u x-xarabank in kwistjoni kien ipparkjat ghan-nizla. Ix-xarabank huwa proprjeta' tal-konvenuta Cutajar li fdatu lil Antoine Agius li huwa debitament licenzjat biex isuq tali

vettura kif jirrizulta anki mix-xhieda ta’ Maria Pisani tal-Motor Insurance Pool.

Gara illi meta gie l-hin biex Agius jerga’ jsuq, huwa mar jistartja x-xarabank izda x-xarabank ma riedx jiehu u ghalhekk cempel lill-imghallem tieghu Pawlu Cutajar, cjoe’ r-ragel tal-konvenuta Francesca u mar Hal Luqa biex ifittxu, izda ma sabux u sab lil Angelus Farrugia. Farrugia stess qal li l-konvenuta kienet thalli f’idejh u ghalhekk ippresta ruhu biex jaghti daqqa t’id lil Agius u t-tnejn li huma telghu flimkien Had Dingli u mexxew ix-xarabank biex jistartja. F’dan il-mument kien qed isuq Angelus Farrugia. Meta x-xarabank startja, Agius talab lil Farrugia biex jinzel u jhalli x-xarabank f’idejh izda Farrugia rrifjuta u gara illi waqt li Farrugia kien qed isuq l-istess xarabank habat mal-vettura pparkjata.

Fid-dawl tal-premess, m’hemmx dubju illi r-responsabbilta’ tal-kollizjoni huwa l-mod kif kien qed isuq l-istess Angelus Farrugia. M’hemm l-ebda spjegazzjoni li tiggustifika l-habta u ghalhekk, stante li x-xarabank baqa’ diehel go karozza pparkjata, l-presenzjoni w anki l-konkluzjoni ta’ dan it-Tribunal hija li r-responsabbilta’ ta’ l-incident hija ta’ l-istess Farrugia.

Jibqa’ biex jigi kkonsiderat jekk ghandhomx responsabbilta’ wkoll il-konvenuta Francesca Cutajar u Antoine Agius.

Francesca Cutajar ma kienet taf b’xejn b’dan l-incident u saret taf bih wara. Hija fdat il-vettura f’id Antoine Agius liema persuna kien debitament licenzjat biex isuq il-vettura. Hija ma kienetx taf li Antoine Agius halla l-karozza f’idejn Farrugia. Illi ghalhekk, stante li Farrugia gie nkarigat minghajr il-konsapevolezza taghha, hija m’ghandha l-ebda tort jew responsabbilta’ ghall-kollizjoni.

Ma jistax jinghad l-istess pero’ fir-rigward ta’ Antoine Agius. Kien l-istess Antoine Agius li halla x-xarabank f’idejn Farrugia u ghalhekk, qabel m’ghamel hekk, missu accerta ruhu li l-istess Farrugia kien debitament licenzjat u kapaci biex isuq il-vettura. Minhabba f’hekk it-Tribunal

huwa tal-fehma li Antoine Agius ghandu jigi misjub ukoll responsabbli ghall-kollizjoni solidarjament ma’ l-istess Angelus Farrugia.

Ghar-rigward tad-danni, ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwarhom. Inoltre Mario Fenech xehed illi b’kollox swewlu elf u seba’ mitt lira Maltin (Lm1,700) jigifieri oltre l-ammont mitlub f’din il-kawza.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenut Angelus Farrugia u l-kjamat in kawza Antoine Agius solidarjament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni u jikkundannhom ihallsu lill-attur is-somma ta’ elf erba’ mija u tnejn u tmenin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm1,482.88c) bl-interessi mid-data ta’ din is-sentenza. Jichad it-talba ta’ l-attur fil-konfront tal-konvenuta Francesca Cutajar. L-ispejjez kollha tal-kawza huma a karigu tal-konvenuti Farrugia u Agius.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------